# SEJĦA MIFTUĦA GĦALL-PROPOSTI

## għall-għoti ta' Ftehim Qafas ta' Sħubija fir-rigward ta' Ċentri Tematiċi Ewropej dwar id-Diversità Bijoloġika 2009-2013 (2 lottijiet) EEA/BSS/08/001 u l-Produzzjoni u l-Konsum Sostenibbli 2009-2013 EEA/SKI/08/001[1]

1. Objettivi u deskrizzjoni

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru. 1210/1990 kif l-aħħar emendat minn (KE) Nru 1641/2003 dwar it-twaqqif ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent (Eionet).[2]

2. Eliġibilità

Konsorzji li jikkonsistu f'minn ta' l-inqas żewġ imsieħba (persuni naturali/legali, privati jew pubbliċi), fejn dawn l-imsieħba jkunu stabbiliti fid-diversi pajjiżi membri taż-ŻEE (EU27; EFTA4, it-Turkija), ikunu eliġibbli. Għal iktar dettalji ara t-Termini ta' Referenza (ToR) li hemm referenza għalihom taħt punt nru5.

3. Baġit

Skond il-fondi disponibbli mill-Baġit Ġenerali ta' l-UE li jieħdu l-forma ta' sussidju lill-EEA mill-Komunità, il-baġit totali annwali stmat għall-Ftehim Speċifiċi (SAs) taħt il-Ftehim Qafas ta' Sħubija (FPAs) li se jingħata wara din is-sejħa huwa stmat għal:

*(i)* **Diversità Bijoloġika: 1 300 000 EUR (total);**
**Lott 1 – Diversità Bijoloġika 900 000 EUR;**
**Lott 2 – Evalwazzjoni ta' l-Ekosistema 400 000 EUR;**
*(ii)* **Produzzjoni u Konsum Sostenibbli : 1 200 000 EUR**

4. Data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' proposti: **21 ta' April 2008**

5. Aktar dettalji

Titsa' ssib it-Termini ta' Referenza (ToR), id-dokumemti kollha relatati kif ukoll kull informazzjoni oħra fuq dan l-indirizz ta' l-internet : http://www.eea.europa.eu/tenders/openproposal.html.

Il-proposti iridu jissodisfaw it-termini u l-kundizzjonijiet kollha li jinsabu fid-dokumenti tas-sejħa

---

[1] Il-konsorzji li jintgħażlu se jiġu offerti Ftehim Qafas ta' Sħubija (FPAs) li jkun jkopri l-perjodu 2009 sa l-2013. Din is-sejħa hija soġġetta għar-Regolament Finanzjarju ta' l-EEA u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu hekk kif ikunu ġew iddeterminati mir-Regolament Finanzjarju ta' l-UE (KE) Nru 1605/2002, kif ġie l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1995/2006, u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 2342/2002, kif l-aħħar emendat minn (KE) Nru 478/2007, b'mod partikolari it-Titoli VI rispettivi tagħhom dwar l-Għotjiet (Artikoli 108-120 tar-Regolamenti Finanzjarji (RF) u 160-184a tar-Regoli ta' Implimentazzjoni (RI)).

[2] Ara b'mod partikolari Artikoli 4 u 5 tagħhom.